MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 727/2005

**Talba Nru: 727/05VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Pauline Degiorgio (Id. 73072M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba mija u tlettax il-lira Maltin u erba u disghin centezmu (Lm713.94c) minghand il-konvenuta, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21676571, liema

servizz gie installat fil-fond ‘Den Paul’ Flts/1, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsascala, u minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha hija eccepiet (i) preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16; (ii) fil-mertu u bla pregudizzju, l-ammont pretiz mhux dovut stante li l-konvenuta kienet telqet mill-fond in kwistjoni fis-sena 2001 u s-sid ta’ l-imsemmi fond kien ha hsieb nehha s-servizz tat-telephone immedjatament; (iii) li finalment u bla pregudizzju l-ammont pretiz huwa esagerat; (iv) u bla pregudizzju ukoll, jekk hemm xi ammont dovut dan ghandu jithallas minn sid il-fond Salvu Zammit li ghandu jigi kkjamat fil-kawza. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-verbal tal-25 ta’ Jannar 2006 fejn giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fir-risposta tal-konvenuta.

Ra x-xhieda tal-konvenuta Pauline Degiorgio.

Ra x-xhieda ta’ Dr. Ingrid Zammit Young.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta’ attrici esebiet il-kont relattiv ghan-numru tat-telefon in kwistjoni (Dok. A) fejn jidher li l-ammont dovut huwa dak ta’ Lm713.94c kif mitlub fl-Avviz. Esebiet ukoll l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku in kwistjoni (Dok. B), fl-indirizz msemmi fl-Avviz, fejn jidher li hemm il-firma ta’ Pauline Degiorgio bil-karta ta’ l-identita’ numru 73072(M). In sostenn tat-talba taghha s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhud lil Dr. Ingrid Zammit Young li xehedet li l-ammont mitlub fl-Avviz kien ghadu dovut lis-socjeta’ attrici u ma kienx thallas mill-konvenuta.

Illi minn-naha taghha l-konvenuta in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha xehedet illi fil-1999 hija kienet kriet il-post indikat fl-Avviz, u li sid il-post kien certu Salvu Zammit. Fil-perjodu meta kienet kriet il-post ma kienx hemm servizz tat-telefon u meta rceviet il-kont tat-telefon hija kienet kelmet lis-sid biex tara kif seta kien hemm kont f'dan is-sens. Hija xehedet ukoll li avzat lis-sid li ma kenitx bi hsiebha thallas dan il-kont peress li ma kienitx uzat tali servizz u peress li ghall-perjodu li ghalih jirreferi l-kont hija ma kenitx tghix fil-post in kwistjoni.

Hija xehedt li kienet talbet lis-sid biex flimkien imorru l-ufficcju tas-socjeta' attrici biex isolvu l-problema izda dan ma sarx u mbaghad is-sid kien qalilha li kien ser imur wahdu u jsolvi l-kwistjoni hu stess, u wara dan hija ma semghat xejn aktar dwar il-kwisjtoni.

Il-konvenuta xehedet illi l-firma fuq l-applikazzjoni ghas-servizz telefoniku fuq id-dokument 'B' kien fil-fatt taghha, u li effettivament hija kienet applikat ghal tali servizz fil-post in kwistjoni, pero peress illi s-sid ma riedx li jigi installat is-servizz fil-post hija kienet telqet minn hemm.

Il-konvenuta kkonfermat ukoll illi hija qatt ma kienet ghamlet talba formali mas-socjeta' attrici sabiex il-kont jinqaleb fuq xi haddiehor, jew biex is-servizz jinqata, jew jieqaf.

Illi bhala fatt jidher car mill-provi prodotti li l-konvenuta kienet applikat ghas-servizz telefoniku fl-indirizz imsemmi fl-Avviz li hija kienet tikri (alavolja ghal xi raguni, ghall-ewwel il-konvenuta xehedet illi ma kenitx taf b'tali servizz u ma kenitx taf ghalfejn kien wasal il-kont). Meta mbaghad l-konvenuta telqet mill-post mikri minnha, hija ma ghamlet l-ebda talba biex dan is-servizz jdur fuq xi hadd iehor jew biex dan is-servizz ma jkomplix jinghata lilha – haga li kien fid-dover taghha li taghmel wara li kienet applikat ghas-servizz hi stess. Minnflok hija tipprova titfa t-tort fuq sid il-post li skond hi kellu jiehu hsieb li jdawwar is-servizz jew li jwaqqfu. Lanqas ma sar xi tentattiv da parti taghha li tipproduci sid il-post biex jikkonferma jekk huwa kienx suppost nehha s-servizz, u

lanqas ma talbet li jigi kjamat in kawza l-istess sid kif semmiet fl-eccezzjonijiet taghha.

Illi l-fatt li l-konvenuta ma baqghetx tirrisjedi fil-post in kwisjtoni ghall-perjodu li ghalih jirreferi l-kont, bl-ebda mod ma jezoneraha mill-fatt li s-servizz baqa jghajjat lilha gjaladarba kienet applikat ghalih hi stess, u hija ma ghamlet xejn biex twaqqaf jew iddawwar l-istess servizz.

Illi ma ngabet l-ebda prova da parti tal-konvenuta in sostenn tal-eccezzjoni taghha li l-kont huwa ezagerat, u t-Tribunal jinnota li ghal zmien twil il-kont jikkonsisti biss f'ammont dovut ghal-kera tas-servizz.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijet sollevati mill-konvenuta, jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba mija u tlettax il-lira Maltin u erba u disghin centezmu (Lm713.94c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjes ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------